## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Raymond Cassar**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Raymond Cassar, bin Emanuel u Margaret, imwieled fit-24 ta' Lulju, 1970 u residenti Gardell,Triq FM Ferretti, B'Bugia u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 339370M fejn ġie mixli talli : -

A) nhar il-15.04.2014 għal ħabta ta 08:00hrs waqt li kont fi Triq San Mikiel Fgura volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeg ħaddiehor u ċioe għamilt ħsara fil-vettura LAA063 tal-għamla Seat Marbella propjeta ta' Mario Cassar liema ħsara ma teċċediex €116.47c u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
B) Kif ukoll inġurjajt jew heddidt, mhux imsemmi band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kont ipprovokat, inġurjat b'mod li ħrigt barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Mario Cassar u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
C) Kif ukoll ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 339(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u lill-imputat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, jirriżulta li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma milquta mill-preskrizzjoni trimestrali. Għalhekk il-Qorti sejra tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tagħhom.

Mill-banda l-oħra, wara li semgħet ix-xiehda ta' Mario Cassar u Margerita Cassar u rat l-atti l-oħra tal-każ, issib li t-tielet imputazzjoni tirriżulta soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Raymond Cassar mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet stante li dawn huma estinti minħabba preskrizzjoni trimestrali filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih u peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, in-natura tal-imputazzjoni u l-karattru tal-ħati tara li f'dan il-każ mhux spedjenti li twaħħal piena wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum. Inoltre, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-parte civile kif ukoll sabiex tassigura ż-żamma tal-ordni pubbliku, il-Qorti qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena taħt penali ta' elf euro (€1000).

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' euro 147.50 lill-parte civile.

***Mogħtija illum 11 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**OBBLIGAZZJONI GĦAS-SIGURTA' TA' PERSUNA U BIEX JINŻAMM IL-BON ORDNI SKONT L-ARTIKOLU 383(1) TAL-KODIĊI KRIMINALI**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Raymond Cassar**

**Għal dak kollu li tgħid u trid id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 2014 jien Raymond Cassar, ID 339370(M) hawn taħt iffirmat, nobbliga ruhi li nżomm il-kwiet ma' Mario Cassar u Margerita Cassar u li nżomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulħadd; u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni, nobbliga ruħi li nħallas is-somma ta' elf euro (€1000) penali ordnat bid-deċiżjoni fuq imsemmija, u din l-obbligazzjoni għandha tibqa' isseħħ għal perjodu ta' sena millum.**

**Illum 11 ta' Novembru 2014**

**(Iffirmat) ………………………………**

**Numru tal-karta tal-identita'** ................................

**Magħmula u ffirmata quddiemi**

*Doris Serpina* Deputat Registratur